MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 138/2007/1

**Mons. Giovanni B. Gauci**

**vs**

**Nicholas Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Ottubru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-17 ta’ Mejju tas-sena 2007 li permezz tieghu ir-Reverendissimu rikorrent sejjah lill-intimat fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat, prevja d-dikjarazzjoni ta’ din il-qorti:

1. Illi l-artikou intitolat **"Nafu x'ahna naghmlu?"**, ippubblikat f'pagna 4 tal-gazzetta **"Il-Gens Illum"** tal-21 ta' April, tas-sena 2007, (Dok.A) – li taghha hu editur, (Dok. B) – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur, billi joffendi l-unur u l-fama tieghu, u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Illi jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-qorti ai termini ta' l-Art. 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, (Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Baldacchino datata s-26 ta' Gunju tas-sena 2007 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-artikolu in kwistjoni ma kienx libelluz;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni li dan huwa *"fair comment"*;

3. Illi in kwantu l-artiklu jikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatti, li dawn huma fatti sostanzjalment veri;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Innotat li l-partijiet, tramite r-rapprezentanti legali taghhom, talbu li jinghataw l-opportunita` li jikkoltivaw transazzjoni;

Innotat ulterjorment li dan kien inutili stante li effettivament ma sar l-ebda tentattiv t'avvicinament bejn il-paritjiet;

Innotat finalment, li ghalkemm l-intimat inghata diversi opportunitajiet biex igib il-versjoni tieghu quddiem din il-qorti, jirrizulta li xorta wahda, ghar-ragunijiet tieghu, ghazel li ma jaghmilx dan;

Ikkunsidrat:

Illi peress li r-Reverendissimu rikorrent hassu aggravat bl-artikolu intestat **"Nafu x'ahna naghmlu?!"**, fir-rubrika bl-isem t'**"Asterisk"** a pagna 4 fil-pagna dedikata ghal Ghawdex tal-**"Gens Illum"**, tas-Sibt, 21 t'April tas-sena 2007, il-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta' l-artikolu fuq indikat gie affermat is-segwenti fir-rigward tal-kappella jew knisja maghrufa bhala ta' Santa Savina, tar-Rabat, Ghawdex:

i. Illi f'Hamis ix-Xirka li ghaddiet il-faccata taghha thalliet mitfija;

ii. Illi l-iskop preciz li ghalih inbniet kien li jkun hemm adorazzjoni ewkaristika;

iii. Illi llum naqset is-sieghat minn adorazzjoni perpetwa;

iv. Illi minflok dak indikat fil-paragrafu precedenti, (iii), zdied il-quddies u funzjonijiet ohra;

v. Illi nonostante dan, wiehed xorta jistenna li jigi ccelebrat il-jum specifiku ta' l-ewkaristija, molto piu`, meta l-ghada - il-Gimgha l-Kbira – il-bozoz inxteghlu;

vi. Illi jistaqsi jekk ingibditx l-attenzjoni tar-rettur ghal dan u jekk intalabx jispjega ruhu;

vii. Illi dan ir-rettur gie espressament identifikat bhala l-Vigarju Generali u l-Arcidjaknu tal-Kapitolu tal-Katidral u fejn gie sottolineat ukoll li hemm ghandu wkoll zewg (2) hutu u neputi;

2. Illi fid-deposizzjoni guramentata tieghu r-Reverendissimu rikorrent isostni li hassu offiz, malafamat u libellat bl-osserzjonijiet fuq elenkati u hass li huma ta' natura gravissima stante li jekk dak allegat mill-artikolist anonimu hu minnu jkun qed jiehu l-knijsa, li wara kollox jafferma li ghandu rabta specjali maghha stante li kienet shanasitra inbniet minn pro-ziju tieghu;

3. Illi in oltre, jirrifuta l-allegazzjoni li r-rikorrent ghogbu jnaqqas l-adorazzjoni perpetwa u jirribadixxi li mhux talli mhux hekk, talli din l-adorazzjoni zdiedet fit-tlett (3) xhur tas-Sajf li *"…ma kienux isiru minn mitt sena 'l hawn"*, (ara fol 14;

4. Illi l-allegazzjoni li l-istess Reverendissimu rikorrent zied xi funzjonijiet tinsinwa li qed jigi malizzjozament allegat li permezz t'hekk hu qed jintrometti ruhu f'kamp rizervat ghal xi parrocca ohra fir-Rabat;

5. Illi din l-allegazzjoni hi ghal kollox michuda mill-istess Reverendissimu rikorrent fejn bhala ezempju tal-mod rigoruz li bih jimxi jgib l-ezempju fejn nonostante li kien gie mitlub jikkonduci ezercizzji Spiritwali mill-istess knisja minnu amministrata, konsapevoli mid-doveri gurisdizzjonali tieghu, hu innega l-awtorizazzjoni ghal dan, nonostante, li aktar tard skopra li kien hemm anke l-fiat ta' Monsinjur Isqof wara din it-talba;

6. Illi finalment, l-insinwazzjoni li ma tantx ghandu min hu fuqu u s-sottolinear li fil-Kapitolu tal-Katidral in dizamina hemm ukoll tnejn (2) li huma hutu, u iehor li hu nepputieh, hi velenzua stante li timplika li b'din il-kariga li jokkupa l-istess Reverendissimu rikorrent u bis-sahha numerika li ghandu fil-Kapitolu de quo, hu jista' jinjora d-direzzjoni spiritwali, amministrattiva, u gerarkika li jista' jaghti Monsinjur Isqof fid-Dijocesi fdata f'idejh u b'hekk jimmina l-isforzi tieghu ghall-iskopjiet personali, biex b'hekk, l-artikolist anonimu jpingi lir-Reverendissimu rikorrent bhala ezempju nefast u negattiv li ghandu jigi mistmerr;

Ikkunsidrat:

Illi skond kif jirrizulta mid-dokument datat it-2 ta' Mejju tas-sena 2007, jirrizulta assodat li fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' l-artikolu de quo, l-intimat Nicholas Baldacchino kien l-editur registrat tal-gurnal "Il-Gens Illum", (ara fol 3);

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjonijiet kontenuti fl-artikolu meritu ta' din il-procedura sintetikament jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-velenu ppubblikat bil-barka tal-gerarkija tal-gurnal in dizamina hu ndirizzat fuq il-persuna tar-Reverendissimu rikorrent;

2. Illi l-fatti allegati mhux biss ma gewx pruvati minn min allegahom, ippubblikahom u ppretenda li ha jiddefendihom minghajr ma jissottometti ruhu ghal analizi rigoruz tal-kontro-ezami kif rikjest mill-procedura taghna, izda addirittura gew imgiddba b'mod awtorevoli li ma jhalli l-ebda tip ta' dubbju lil din il-qorti fir-rigward;

3. Illi:

i. meta gie allegat li s-sieghat t'adorazzjoni tnaqqsu – irrizulta li zdiedu;

ii. meta gie allegat li zdiedu xi funzjonijiet – irrizulta li mhux minnu – anzi li addirittura waqqaf funzjonarju ekklesjastiku superjuri ghalih milli jzid dawn il-funzjonijiet;

iii. meta gie allegat li jrid jitla' fuq ras l-Isqof – irrizulta li kien ferm kawt u prudenti biex dan proprju ma jsirx;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm din il-qorti tat l-opportunita' biex l-intimat u l-persuna li kien qed jipprotegi biex bl-agir taghhom ma jkunx ta' skandlu u, flok jippersistu bil-procedura, jilhqu xi

forma ta' ftehim ghaqli mal-kontroparti, jirrizulta li rrifjutaw tali opportunita` u l-procedura kellha titkompla sa l-ezitu morr odjern;

Illi in oltre, nonostante li nghata l-opportunita` biex iressaq il-posizzjoni tieghu 'l quddiem, l-intimat ghazel li ma jipprezentax ruhu ghall-procedura odjerna u b'hekk mhux biss juri d-disprezz tieghu lejn l-istituzzjoni odjerna izjda juri li m'ghandux kaz x'jiddefendi;

Illi pero`, nonostante dan, skond il-fazi skritta ta' din il-procedura, hu xorta ghazel li jiddefendi ruhu billi jafferma li l-artikolu de quo ma kienx libelluz jew malafamanti ghaliex:

1. Jikkonsisti f'"kumment gust";

2. Il-fatti huma sostanzjalment veri;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel linja difensjonali adottata mill-intimat kif fuq elenkata, ghandu jigi sottolineat li l-precett essenzjali li kull gurnalist serju u li ghandu jispira fiducja – specjalment f'gurnal tal-Knisja Kattolika lokali – f'socjeta' hielsa, demokratika u verament rispettuza tad-drittijiet fundamentali ta' **kull** persuna fis-socjeta`, hu li l-fatti minnu ppubblikati ghandhom jirriproducu dak indikat b'ezatezza, ovvjament mhux psikopatika, izda preferibbilment wara verifika serja u oggettiva fejn wiehed ikun jista' oggettivament jistrieh fuqha;

Illi hu biss f'dan is-sens li l-fatt isir sagru – u mhux mill-fatt li jigu mharbxa allegazzjonijiet velenuzi bla bazi u ppubblikati mas-sebat irjieh specjalment jekk dan isehh taht it-timbru ta' "gurnal tal-Knisja";

Illi ghandu jkun ovvju ghal kull min hu nvolut fil-gurnalizmu u jkollu xi ftit t'intelligenza normali li l-**`kumment'** mhux **`fatt'** – ghalkemm jigi nnutat b'dispjacir li kemm din il-qorti, kif ukoll qrati ohra gerarkikament superjuri ghaliha, kemm-

il darba kellhom l-okkazzjoni li jirrimarkaw li hafna artikolisti lokali, anke di grido, jippekkaw f'dan ir-rigward u jimmanifestaw, bhal ma hu l-kaz odjern, konfuzjoni sfrenata bejn it-tnejn, konfuzjoni li ghandha kemm jista' jkun tigi dissipata malajr;

Illi jigi wkoll sottolineat li minn mhux lest li jaqdi l-funzjoni delikata tieghu fit-termini tal-valur in dizamina ghandu immedjatament ifittex irkejjen ohra fejn ma jkunx jista` jaghmel dan bhal ma jista' jirreka lill-gurnalizmu;

Illi kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell f'Sammut vs Caruana Galizia et tad-9 ta' Jannar tas-sena 2008:

*"Il-ligijiet jaffermaw b'rilevanza t-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u professjonali li fih jesplika l-personalita` tieghu. Din it-tutela b'fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. Pari passu ma' din it-tutela hemm, imbaghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fundamentali";*

Illi pero` kif tajjeb ammoniet l-istess qorti superjuri fuq indikata, l-ezercizzju ta' dan l-ahhar dritt, (ta' l-espressjoni), m'ghandux jitqies bhala xi brevet biex wiehed jikteb li jrid fuq dak li jkun u f'dan is-sens, a skans ta' ripetizzjoni inutili, issir referenza ghall-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza taghha tat-13 ta' Frar tas-sena 2007 citata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell indikata fil-paragrafu precedenti li stabbiliet il-kundizzjonijiet essenzjali rikjesti fl-ezercizzju tad-dritt tal-vera liberta` ta' l-istampa;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tal-fatti kif fuq esposti ghandu jkun pacifiku li ghalkemm l-artikolista ipperswada lill-editur intimat biex jippubblika l-fatti minnu allegati flimkien mal-kummenti xejn rispettuzi lejn ir-Reverendissimu rikorrent; lejn il-kollegi tal-Kapitolu fejn jezercita; u lejn Mons. Isqof t'Ghawdex superjur ghalihom, jirrizulta li "il-kumment gust"

allegat mill-intimat ma jirrizultax, anzi jirrizulta fil-fatt, propju l-oppost;

Illi li jirrizulta hu li l-istess editur intimat ippermetta lilu nnfisu, lill-gurnal tieghu u lill-Arcidiocesi Maltija li taghha jappartjeni l-gurnal, li jkunu kollha uzati u manipolati ghall-finijiet nefasti, mahmuga u skandaluzi li rrizultaw;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li t-tieni linja difensjonali sollevata in iskritt, izda wkoll li taghha la l-editur intimat u lanqas l-artikolist anonimu  ma ppruvaw jiggustifikaw, ma tirrizulta pprovata;

Illi minflok, addirittura jirrizulta l-oppost;

Ikkunsidrat:

Illi hu pacifiku li l-intimat kien effettivament l-editur registrat u rikonoxxut skond il-Ligi ta’ l-Istampa, (ara fol 3);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess l-artikolu de quo effettivament jesponi s-segwenti:

1. Illi l-artikolist anonimu hu wiehed malizzjuz li bl-allegazzjonijiet foloz tieghu ried jattakka l-onorata kredibilita` ta’ persuna li ddedikat l-ezistenza taghha ghall-gid tal-kredenti;

2. Illi l-istess artikolist jirrizulta li mhux biss immanipola l-fatti izda addiritura jallega l-falz fir-rigward tar-Reverendissimu rikorrent;

3. Illi l-gerarkija Maltija li tiggestixxi l-gurnal in dizamina, tramite l-inkompetenza jew il-malizja ta’ l-editur intimat, ippermettiet li l-organu taghha jigi uzat biex jigu attakkati b’mod malizzjuz nies ikkonsagrati li ma tresqet l-ebda dell ta’ htija fir-rigward taghhom hlief allegazzjonijiet gratuwiti u malizzjuzi;

4. Illi bord editorjali serju qatt m'ghandu jippermetti lilu nnifsu li jigi manipulat b'dan il-mod u jekk jirrizulta li mhux kapaci jkun verament tarka tad-drittijiet fundamentali ta' **<u>kull</u>** cittadin ghandu jirrizenja en bloc u jaghmel il-wisa` ghal persuni verament ikkwalifikati, ippreparati, u determinati li jiddefendu d-dritt veru ta' l-espressjoni bla biza';

5. Illi l-gerarkija ekklesjastika lokali, (kemm dik Maltija u dik ta' Ghawdex), ghandhom jaghmlu hilithom biex ma jhallux persuni ta' din l-indole hekk negattiva jinterferixxu fil-vera karizma taghhom jekk verament iridu jkunu interlokuturi serji fil-hajja tal-lum meta jirrizulta li hemm aktar interess fil-volum tal-hoss milli fil-valur tal-verita` li dawn il-gerarkiji qed jirrapprezentaw;

Ghaldaqstant, in vista tas-sintesi fattwali u legali fuq elenkat filwaqt li tirrespingi r-risposti ta' l-editur intimat Nicholas Baldacchino fl-interezza taghhom, takkolji t-talbiet tar-Reverendissimu rikorrent Mons. Giovanni B. Gauci u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-artikolu meritu ta' din il-procedura intitolat **"Nafu x'ahna Naghmlu?!"**, fir-rubrika **"Asterisk"** fil-pagna Ghawdex tal-gurnal **Il-Gens Illum**, tas-Sibt il-21 t'April tas-sena 2007, hu effettivament malafamanti fil-konfront ta' l-istess Reverendissimu rikorrent fuq indikat;

2. Illi biex allura tkun tista' tghaddi ghall-fazi successiva tal-vertenza u tistabilixxi, kif statutorjament impost, il-quantum monetarju necessarju biex jaghmel tajjeb ghad-dannu morali riskontrat fir-reputazzjoni tar-Reverendissimu rikorrent, taghmel ampja referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Vincet Borg vs Victor Camilleri et tal-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

*"Id-danni li ghandha tillikwida l-qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta*

*tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), illum hdax-il elf, sitt mija, sitta u erbghin Ewro, u sitta u tmenin centezmu, (€11,646.86);*

3. Illi biex il-qorti tiggustifika li uzu rett tad-diskrezzjoni taghha f'dan ir-rigward, taghmel referenza ghas-segwenti:

i. Illi l-editur intimat nghata l-opportunita` tar-rettifika minn din il-qorti izda ghazel li jinheba wara s-silenzju, u jarmi l-valur tal-prudenza mas-saqajn;

ii. Illi qatt ma deher quddiem din il-qorti biex jittutela d-drittijiet tieghu, u jissottoponi ruhu ghal skrutinju rett;

iii. Illi l-fatti kollha minnu allegati jirrizultaw li ma kienux minnhom u peress li ghazel li ma jipprezentax ruhu, ghazel li jistrieh biss fuq il-versjoni malinna tieghu;

iv. Illi in vista ta' dak ndikat fil-paragrafu precedenti l-allegat `kumment gust` da parti ta' l-intimat qatt ma jista' javvera ruhu;

v. Illi mal-manipolazzoni nefasta tieghu l-awtur anonimu kaxkar bhala komplici mieghu mhux biss lill-editur intimat izda anke lill-gerarkija ekklezjastika lokali li tipposjedi l-proprieta` tal-gurnal de quo, fejn nghatat spazju ghal tali manipolazzjoni;

vi. Illi bl-allegazzjonijiet foloz ta' l-artikolist anonimu li l-editur intimat ippermetta li jippubblika, immalafama wkoll mhux biss lir-Reverendissimu rikorrent, izda lil uhud mill-membri tal-Kapitolu tal-Katidral t'Ghawdex li jigu mill-istess rikorrent; lill-istess Kapitolu u finalment adirittura lill-istess Isqof t'Ghawdex li hu l-oghla awtorita` gerarka ekklesjastika fid-dijocesi de quo;

4. U biex tissottolinea l-fatt li gurnal ta' din l-indole ma jixraqlux li jkun gwidat minn editur li mhux kapaci jieqaf lil din il-manipolazzjoni subdola:

i. Tikkundanna lill-editur intimat Nicholas Baldacchino biex ihallas lir-Reverendissimu rikorrent Mons. Giovanni B. Gauci l-ammont ta’ disat elef Ewro, (€9,000.00);

ii. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess editur intimat.”

L-appell tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza hu fis-sens ta’ l-aggravji infraskritti:-

(1) Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti l-artikolu hu sostanzjalment korrett ghal dawk li huma fatti u jikkostitwixxi kumment xieraq permissibbli f’socjeta` demokratika;

(2) Ma nghatax smiegh xieraq. L-appellanti dan jindividwah bis-sottomisjsoni illi l-ewwel Qorti kienet pregudikata kontra tieghu tul l-*iter* tal-kawza, u immanifestat l-attrit taghha fil-konfront tieghu fil-korp tas-sentenza;

(3) Il-*quantum* tad-danni likwidati huwa ezagerat u mhux proporzjonali ghall-mertu ta’ l-artikolu u tal-kawza;

L-istampat li minnu l-attur appellat hassu malafamat hu, distingwibilment, maqsum f’zewg partijiet, u cjoe:-

(i) il-fatti rakkontati;

(ii) “*value judgement*” dwar il-persuna ta’ l-attur u tal-posizzjoni ekklezjastika tieghu fid-djocesi ta’ Ghawdex;

Fuq punt (i) il-fatti allegati bl-artikolu huma prettament tnejn, ossija li fil-knisja ta’ Savina (a) tnaqqsu s-sighat ta’ l-adorazzjoni u (b) tkattru l-funzjonijiet. Ghall-ewwel Qorti l-konvenut – tant ghaliex ma xehedx u ma pproduca ebda prova, tant ukoll ghaliex dawk l-istess fatti esposti fl-artikolu gew ribattuti mill-attur u mix-xhieda tieghu – ma wasalx biex jipprova l-verita` ta’ l-istess fatti bil-konsegwenza illi naqas milli jissodisfa l-oneru gravanti

fuqu ghas-sostenn ta’ l-eccezzjoni tieghu illi l-kumment kien gust;

Analisi, anke telegrafika, tar-rizultanzi probatorji turi illi bil-kuntrarju ta’ dak asserit fl-artikolu l-ebda wiehed miz-zewg fatti ma seta’ jitqies sostanzjalment veru. Anzi, fi kliem ix-xhud Father Joseph Bezzina (fol. 18) “dak li jinghad fl-artikolu hu l-oppost tal-verita`”. Gie, difatti, provat illi kemm ilu l-attur Rettur tal-knisja:-

(1) mhux biss ma tnaqqsux is-sighat ta’ adorazzjoni perpetwu talli, invece, in-numru taghhom zdied bl-introduzzjoni ta’ adorazzjoni fil-perijodu tas-sajf. Ara deposizzjoni ta’ l-attur (fol. 14), dik tax-xhud imsemmi Father Joseph Bezzina (fol. 18) u ta’ Monsinjur Rosario Borg (fol. 20);

(2) ma zdiedux il-funzjonijiet fil-knisja eccetto dawk relatati mal-Gimgha l-Kbira kif minn dejjem sar. Veru li bdiet issir quddiesa ta’ kuljum u veru wkoll li gie introdott il-qrar fis-sagristija tal-knisja ghall-facilita` tal-parruccani. Daqstant pero hu veru illi l-attur ma baqax jawtorizza c-celebrazzjoni ta’ zwigijiet fl-istess knisja, u, sahansitra, biex jevita skontri mal-parrocci tar-Rabat, ma ppermettiex li jsiru ezercizzji spiritwali f’okkazjoni partikulari tar-Randan. Ara xhieda ta’ l-attur mhux kontradetta;

Jinzel minn dan, fil-fehma tal-Qorti, illi ma tezisti ebda korrispondenza bejn il-fatti kif narrati fl-artikolu u l-fatti kif effettivament sehhew. Jista’ jkun, *gratia argomenti,* illi l-artikolist kellu percezzjoni zbaljata tar-realta` imma din mhix prova ta’ xi zball skriminanti meta hu jkun naqas mid-dover li jikkontrolla l-fonti u l-verita` tal-fatti minnu divulgati. Il-kumment gust jippresupponi dejjem l-ezistenza tal-verita tal-fatti fil-kompletezza taghhom bl-addizzjoni wkoll tal-prezentazzjoni ta’ dak l-istess kumment f’forma civili. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu il-kumment ma jista’ qatt jitqies f’forma civili meta jeccedi l-iskop informattiv u jkun nieqes minn kjarezza lejali u korrettezza fil-konfront tal-persuna, soggett tal-kumment, jew tal-kritika;

Ir-rilevanza ta' dan li nghad jircievi aktar konsistenza fil-konsiderazzjoni ta' punt (ii) su-affermat. Indubitament, l-import veru tal-messagg li l-artikolista ried, in referenza ghall-attur, iwassal lill-qarrejja tal-gurnal bl-uzu ta' l-espressjoni "Bil-haqq ma tantx ghandu superjuri" hi dik ta' l-addebitu lill-attur illi hu kien 'il fuq minn kull awtorita` ekklezjastika superjuri. Certament, ghal min jaqra l-artikolu, it-ton komplessiv ta' din l-espressjoni, anke jekk fil-forma sarkastika, f'kollegament ma' l-imprecizazzjoni jew inveridicita` tal-fatti u, ukoll, it-titolu tal-istess artikolu "Nafu x'ahna naghmlu?!", ma jistax ma jhallix is-sapur illi, in kwantu Vigarju Generali u anki Arcidjaknu tal-Kapitolu Kattedrali, l-attur jaghmel li jrid. Ghal din il-Qorti t-ton sarkastiku tal-lingwagg, ghalkemm certament permissibbli bhala vejikolu tal-kontenut espressiv, ma jikkonsentix li jkun asserit ghal fini merament denigratorji. Ghal din il-Qorti, ukoll, il-gudizzju maghmul b'dawk il-kliem, bl-attirbuzzjoni illi l-attur m'ghandux superjuri, ma jistax ma jirravicinax ruhu ghas-sinjifikat illi l-attur hu speci ta' renjanti awtokratiku 'l fuq minn kulhadd fil-gerarkija Ekklezjastika Ghawdxija, kompriz l-Isqof. *Multo magis,* imbaghad, meta dan hu hekk accentwat mir-rifless li jitnisslu mill-kliem inkluzivi, b'referenza ghal Kapitlu Kattedrali illi hawn l-attur "ghandu zewg hutu u neputi!" Tabilhaqq taht dan il-profil jispjega ruhu l-bran segwenti minn sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**9 ta' Dicembru, 1998, Numru 2209**), anke jekk hawn si trattava ta' soggett fil-politika: "*Inoltre, per qualificare negattivamente un personaggio politico, non è consentito offendere la reputazione di altri soggetti, anche se a lui collegati da vincoli di parentela, essendo questi estranei alle vicende politiche che hanno dato spunto alle dichiarazioni diffamatorie*";

Maghdud dan, b'konsiderazzjoni tat-tieni aggravju qed jigi hekk rilevat. Innegabilment, l-approcc ta' l-ewwel Qorti ghall-vertenza li kellha quddiemha seta' kien aktar mizurat u bilancjat ghall-evitar ta' certi dikjarazzjonijiet zejda – ad ezempju, "manipolazzjoni subdola tal-fatti", "il-malizzja

nefasta ta' l-awtur tal-kitba", *etcetera*. Minn naha l-ohra ma jistax lanqas jisfuggi lil din il-Qorti illi meta s-sentenza tigi svixxerata mill-frazejologija goffa taghha, ma jistax ragonevolment jinghad li kien hemm xi lezjoni akuta tal-principju fundamentali tas-smiegh xieraq. Hu minnu li t-ton seta' forsi kien aktar garbat imma dan ma jnaqqas xejn mill-fatt ta' dik l-osservazzjoni li tohrog mir-rizultanzi istruttorji tal-kawza illi l-konvenut ftit li xejn wera hegga fl-andament tal-proceduri, naqas milli jaghmel l-avvicinament awspikat ghal soluzzjoni "*extra mura*" tal-kawza ghall-iskop tal-ikkultivar ta' transazzjoni li jsemmi l-verbal tas-26 ta' Frar, 2008 (fol. 21), u, fuq kollox, naqas ukoll milli jippartecipa fid-djalettika processwali bil-produzzjoni tal-provi okkorrenti li kien fil-poter esklussiv tieghu li jressaq 'il quddiem. Fil-verita`, huwa inawdibbli kif l-appellanti, f'dawn ic-cirkustanzi, jista' jinsisti illi ma nghatax smigh xieraq, jew, addirittura, jissokta jishaq anke f'din is-sede illi l-kumment tieghu riflettenti fuq id-dinjita` ta' l-attur kien wiehed xieraq;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni ta' l-ahhar aggravju ta' l-isproporzjonalita` tad-danni. Jibda biex jigi osservat illi hi gurisprudenza konkordi illi, una volta provata l-lezjoni ghar-reputazzjoni personali, ir-rizarciment tad-danni ghandu jkun wiehed kommizurat. Gie infatti ritenut illi s-sens ta' proporzjon jesigi li wiehed izomm in mira "l-ingurja *per se*, il-gravita` taghha, lejn min hi diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiggenera" ("**Carmel Tonna *et* -vs- Felix Agius *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta' Marzu, 1993 per Imhallef Joseph Said Pullicino). Din il-Qorti, kif presjeduta, kompliet tapprofondixxi dawn l-istess kriterji fis-sentenza taghha tat-22 ta' Marzu, 2006 fl-ismijiet "**Perit Dom Mintoff -vs- Saviour Balzan**", *inter alia,* fuq it-taghlim tal-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", 7th Ed. 1974, pagna 1356) u tal-**Franzoni** ("**Le obligazioni da fatto illecito**", Ed. Utet, 2004, pagna 603);

Issa fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti ssenjalat il-kriterji maghzula minnha li fuqhom iffondat il-motivazzjoni fir-

raggungiment tal-likwidazzjoni tad-danni. Rilevanti fosthom, l-osservazzjoni li l-fatti allegati ma rrizultawx veritieri. Din il-Qorti, minghajr ma, f'dan il-kuntest, tnaqqas xejn mill-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u mill-gravita tal-fatti, ma tarax illi l-ammont tad-danni likwidati kien wiehed proporzjonali in bazi ghal dik id-deduzzjoni ta' l-ewwel Qorti. Kien forsi jaghmel aktar sens illi l-materja tigi rigwardata mill-ottika tal-gudizzju ta' dizvalur versu l-persuna ta' l-attur. B'mod partikolari, il-kwalita` ta' dak ir-rwol religjuz tieghu ta' certa rilevanza fil-kuntest ekklezjastiku. Dan f'abbinament mal-mod tal-prezentazzjoni lill-qarrejja tal-karattru ta' l-attur bhala xi superjur assolut li tnissel dik l-istima negattiva incidenti direttament fuq il-persuna tieghu. Meta dan kollu jitkejjel fuq il-mizien tal-proporzjonalita`, bl-uzu tal-valutazzjoni diskrezzjonali, fl-amibitu ta' dik il-latitudni prefissa mil-ligi in kap ghall-ammont massimali tad-danni, din il-Qorti tara li s-somma ta' hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin euro, tlieta u erbghin centezmu (€5823.43) ghandha tkun aktar gusta u ekwitattiva minn dik iffissata mill-Qorti ta' l-ewwel grad.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel zewg kapi ta' aggravji ta' l-appellanti tilqa' it-tielet wiehed limitatament fis-sens illi l-Qorti qed tirreduci l-*quantum* tad-danni ghal hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (€5823.43). L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------